**Eżamijiet Annwali tal-*Junior Lyceums* 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-tielet sena** **STORJA** **Ħin: Siegħa u Nofs**

**Isem**: ______________________________ **Klassi**: __________________

---

**A**: Ħares lejn din il-mappa. Turina d-dawra tal-Port ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir. Għall-iskop ta' dan l-eżerċizzju ġiet maqsuma fi tliet partijiet: **A, B** u **Ċ**.




Ikteb hawn isfel f'liema kaxxa tal-mappa jinsabu dawn li ġejjin.
L-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Portes de Bombes (Bieb il-Bombi) | Ċ |
| 2 | Il-Forti Manoel | |
| 3 | Il-Forti Tigne` | |
| 4 | Il-Forti Ricasoli | |
| 5 | Il-Forti Sant' Anġlu | |
| 6 | Il-Bieb Prinċipali tal-Belt (*Porta San Giorgio*) | |
| 7 | Senglea (l-Isla) | |
| 8 | Vittoriosa (Il-Birgu) | |
| 9 | Il-Marsa | |

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**B**: Aqta` sing taħt it-tajba:

1. (Is-Sultan Spanjol Filippu II, Il-Papa Ġwanni Pawlu I, Napuljun, Sulejman) ta flus għall-bini tal-Belt Valletta.
2. Waqt il-bini tal-Belt Valletta l-Kavallieri kienu jħallsu lill-ħaddiema bi flus (tar-ram, tal-bronż, tad-deheb, tal-fidda) magħrufa bħala *patakka*.
3. Il-Belt Valletta bdiet tinbena fl-(1500, 1566, 1570, 1600).
4. Il-Kavallieri bdew ix-xogħol biex (jitħaffer il-Manderaggio, jinħadem l-injam, jinqata' l-ħadid, jinqata' baċir) ħalli f'każ ta' assedju jiddaħħlu x-xwieni fih.
5. Biex tibni dar fil-Belt, fost affarijiet oħra ridt (tkun miżżewweġ, tħaffer bir, tgħin fil-bini tal-knisja konventwali, ikollok dar oħra l-Imdina).
6. Il-CONVENTO, jiġifieri l-kwartier ġenerali ta' l-Ordni, tmexxa lejn il-Belt Valletta fi żmien il-Granmastru (La Valette, Del Monte, La Cassiere, Verdalle).
7. Għall-ewwel bosta bereġ inbnew b'faċċata sempliċi; iktar tard il-faċċata tagħhom reġgħet issebbħet fuq stil (neo-Klassiku, gotiku, barokk, medjevali).
8. Fi żmien il-Granmastru (La Valette, Del Monte, La Cassiere, Pinto) inbniet il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. **(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**C**: Aqta' min jien: iktibli ismi fil-kaxxi l-vojta.

*Lapparelli, Ġlormu Cassar, La Valette, Ġużeppi Mazzuoli, Caravaggio*

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Għamilt il-pjanti tas-swar tal-Belt Valletta. | |
| 2 | Tajt ġiżirana tad-deheb biex ngħin fil-bini tal-Belt. | |
| 3 | Għamilt il-pjanti tal-knejjes, bereġ, palazzi u bini fil-Belt. | |
| 4 | Pinġejt il-kwadru tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann Battista. | |
| 5 | Jiena skultur. Għamilt l-istatwa tal-magħmudija ta' Kristu li hemm ġo San Ġwann. | |

**(marka 1 x 5 = 5 marki)**

**FORTIFIKAZZJONIJIET:**

**D**: **Aqra din is-silta**:

Meta l-Kavallieri waslu Malta fl-1530 kien hawn tliet postijiet imdawrin bis-swar fejn wieħed seta’ jistkenn waqt xi attakk mill-pirati. Dawn il-postijiet kienu ċ-Ċittadella, l-Imdina u l-Kastell Sant’ Anġlu.
Il-Kavallieri dawru l-portijiet b’fortifikazzjonijiet mill-aqwa. Dawn għadhom jidhru sew anke llum. Biċċa minn dawn il-fortifikazzjonijiet inbnew qabel l-Assedju l-Kbir, filwaqt li oħrajn inbnew wara.

Fortifikazzjonijiet: *Il-Forti Manoel, il-Forti Sant Jiermu, is-swar tal-Birgu, is-swar tal-Furjana, is-swar tal-Belt Valletta, il-forti San Mikiel.*

1. Ikteb dawn il-fortifikazzjonijiet fil-kolonna addattata.

| Inbnew qabel l-Assedju | Inbnew wara l-Assedju |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

(6 marki)

2. Għid għaliex is-swar tal-Belt Valletta huma b’saħħithom ħafna:

   ____________________________________________

   ____________________________________________.(1)

3. Għalfejn inbnew is-swar tal-Furjana? Immarka t-tajba bis-sinjal **X**:
   <> Biex tissaħħaħ il-Belt min-naħa ta’ l-art. __________
   <> Biex tkun tista’ tinbena tarzna fil-qrib. __________
   <> Biex jinfetħu iktar toroq. __________
   <> Biex jiddefendu l-Port ta’ Marsamxett. __________ (1)

4. Min iddisinja s-swar tal-Furjana? ______________________ (1)

5. Min kien il-Granmastru li fi żmienu saru s-swar tal-Furjana? __________ (1)

6. Fil-Cottonera l-Kavallieri bnew żewġ sensiliet ta’ swar biex jiddefendu d-djar u n-nies f’każ ta’ xi attakk. Ikteb l-ismijiet kif baqgħu magħrufa dawn iż-żewġ sensiliet ta’ swar:

   (a) ____________________________________________

   (b) ____________________________________________ (2)

**(total = 12-il marka)**

**E**: **<u>Aqra dan li ġej imbagħad wieġeb</u>**:



Wara li serrħu rashom li l-Port ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir kienu ffortifikati sew, il-kavallieri ħasbu biex iserrħu moħħ il-Maltin li anke l-irħula setgħu jkunu ħielsa mill-periklu ta' ħbit mill-għadu għal għarrieda. Huma fittxew jagħmlu dan billi jibnu torrijiet b'saħħithom fil-bajjiet prinċipali. Fl-istampa jidher il-forti San Luċjan mibni biex jgħasses il-Port ta' Marsaxlokk.

**<u>Wieġeb</u>**:

1. Liema Granmastru bena l-Forti San Luċjan? __________________________ (1)

2. Għid liema bajja kellu jgħasses il-Forti San Tumas: ______________________ (1)

3. Fejn inbena t-Torri ta' Santa Marija? _________________________________ (1)

4. Fejn inbena t-Torri tal-Madonna tal-Grazzja? __________________________ (1)

**<u>Aqra</u>**:

*Biex il-kampanja kollha tkun ħielsa minn xi ħbit għall-għarrieda, inbnew tlettax-il torri ta' l-għassa madwar il-kosta.*

5. Liem Granmastru bena dawn it-torrijiet ta' l-għassa? _________________ (1)

6. Kull torri ta' l-għassa kellu erba' għassiesa mħallsin. Għaliex taħseb li ma kinux jagħmlu għassies wieħed? ________________________________________ (1)

7. Semmi fortifikazzjoni li bnew il-Kavallieri f'Għawdex fuq l-għolja li tagħti għall-Imġarr: ______________________________________________________ (1)

**<u>Aħseb, imbagħad ikteb</u>**:

*Kieku kellhom iqabbduk tagħmel proġett dwar ir-restawr ta' xi waħda mill-fortifikazzjonijiet li ħallew il-Kavallieri*:

8. Semmi xi ħaġa li għandha ssir qabel jibda l-proġett tar-restawr:

_____________________________________________________________ (2)

9. X'jista' jiġri jekk dan is-suġġeriment tiegħek ma jintlaqax?

_____________________________________________________________ (2)

**(total = 11-il marka)**

## It-tmexxija tal-Kavallieri

**F**: **Aqra dan li ġej imbagħad wieġeb**:



L-Ordni għamlet bosta proġetti importanti. Biex tagħmel proġett trid il-flus. Hekk insibu li bosta Granmastri wettqu proġetti li minnhom gawdew il-Maltin. L-akwedott, l-arazzi, il-Monte di Pieta`, il-Palazz Verdala….. lista tassew twila.

Wieħed mill-proġetti l-kbar li għamlu l-Kavallieri kien l-Akwedott. Permezz ta' l-Akwedott, l-ilma, tant bżonnjuż fil-ħajja tagħna, twassal mir-Rabat sal-Belt. Ix-xogħol dam sejjer ħames snin. Fuq il-proġett ta' l-Akwedott ħadmu madwar 600 ħaddiem. L-ilma fawwar fil-Belt Valletta l-ewwel darba fil-21 ta' April 1615.

Il-proġett ta' l-Akwedott ma kienx jirnexxi kieku ma kienx għall-isforzi ta' perit Taljan u wieħed mgħallem Malti.

1. Min kien il-Granmastru li fi żmienu sar l-akwedott? _________________ (1)
2. Agħti l-isem tal-perit Taljan li rnexxielu jwassal l-ilma fil-Belt Valletta bl-akwedott.
   _____________________________________________________________ (1)
3. Agħti l-isem ta' l-imgħallem Malti li għen fil-bini tal-proġett ta' l-akwedott.
   _____________________________________________________________ (1)

**Kompli aqra**:
Illum għandna sistemi oħra biex bihom inwasslu l-ilma fid-djar tagħna. Għalhekk is-sistema ta' l-ilma użata fi żmien il-Granmastri ma għadhiex titħaddem. Pero` għadna nistgħu naraw fdalijiet minn din is-sistema ġo Birkirkara, Santa Venera, l-għajn ħdejn Sarria u funtana fil-Belt.

Ta' min jistaqsi: dawn għandna x'nambuhom illum? Nistgħu nużawhom għal xi ħaġa? Ta' min jonfoq flus fuqhom biex jinżammu fi stat tajjeb?

4. Iddiskuti dawn il-mistoqsijiet f'paragrafu:

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________**(5 marki)**

**(total = 8 marki)**

**G**: **<u>Qabbel dawn billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta</u>**: (waħda minnhom lesta)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Arazzi fil-Knisja Konventwali u fil-Palazz | Palazz Verdala | |
| 2 | Pitturi ta' Filippo Paladini | Perit Francois Mondion | |
| 3 | Restawr u bosta bini mill-ġdid fl-Imdina | Monte di Pieta` | |
| 4 | Bini tat-Teatru Manoel | Lascaris | **9** |
| 5 | Tista' tirhan deheb u ħaġar prezzjuż | Granmastru Perellos | |
| 6 | Il-Qorti fi żmien il-Kavallieri | Granmastru Pinto | |
| 7 | L-irvell tal-qassisin | Granmastru de Vilhena | |
| 8 | Konfoffa ta' l-ilsiera | Kastellanija | |
| 9 | L-ewwel stamperija f'Malta | Granmastru Ximenes | |

**(8 marki)**

---

## <u>Il-Franċiżi f'Malta</u>:

**H**: **Aqta' sing taħt ir-risposta t-tajba**:

1. L-aħħar Granmastru ta' l-Ordni f'Malta kien (Hompesch, La Valette, Wignacourt, De Rohan).
2. Il-Franċiżi talbu li jidħlu fil-Port ta' Malta biex jieħdu (l-qamħ, l-injam, l-ilsiera, l-ilma).
3. Pajjiżi li urew interess f'Malta fi żmien l-Ordni u li kienu għedewwa tal-Franċiżi kienu l-Ingilterra u (l-Ġermanja, l-Isvezja, l-Awstralja, r-Russja, l-Amerika).
4. Il-Franċiżi keċċew lill-Kavallieri mill-Gżejjer Maltin f'Ġunju (1800, 1530, 1565, 1798).
5. Għall-amministrazzjoni tal-Gżejjer Maltin, il-Franċiżi qasmu lil Għawdex f'żewġ muniċipalitajiet filwaqt li qasmu lil Malta (f'20, fi 30, f'40, f'10) muniċipalitajiet oħra. **(marka 1 x 5 = 5 marki)**

## **I**: **Wieġeb**:



(1) Min hu l-persuna li qed tara fl-istampa?

________________________________________ (1)

(2) X'rabta għandu ma' l-istorja ta' Malta?

________________________________________

________________________________________ (1)

(3) **<u>Semmi BIDLA li ġabu l-Franċiżi f'kull waħda minn Dawn</u>:**

a) fit-tmexxija ta' Malta: _______________________________ (1)
b) fl-edukazzjoni: _____________________________________ (1)
ċ) fir-relazzjonijiet mal-knisja: ___________________________ (1)

**(total = 5 marki)**

## J: Bliet u Rħula:

**Mr Smith, turista Ingliż fuq btala f'Malta, għandu bżonn xi informazzjoni. Għid lil Mr Smith fejn jista' jara dak li jixtieq. Ara l-eżempju:**

| | **Ix-xewqa ta' Mr Smith:** | **Agħżillu waħda minn dawn:** | **Risposta tiegħek:** |
|---|---|---|---|
| **Eż:** | Nixtieq inżur raħal fejn darba kienu joqogħdu n-nies u issa ma għadhomx. | il-Qrendi, Ħal Balzan, Ħal Millieri | *Ħal Millieri* |
| 1 | Raħal tipiku Malti. | Ħal Qormi, il-Kappara, is-Swieqi | |
| 2 | Raħal modern. | Il-Gudja, l-Imġarr, Santa Luċija | |
| 3 | Nixtieq nara l-post fejn kienu jistkennu l-Għawdxin waqt xi ħbit mill-furbani: | Marsalforn, L-Imġarr, iċ-Ċittadella | |
| 4 | Nixtieq nara Katidral. | Il-Furjana, il-Mosta, l-Imdina | |
| 5 | Post fejn hemm kumplessi ta' ħwienet u xi lukandi. | Tas-Sliema, Baħrija, L-Isla | |
| 6 | Nara sajjieda fuq xogħolhom | Ħ'Attard, Ħad-Dingli Marsaxlokk | |
| 7 | Nixtieq inżur belt imdawra bis-swar. | Ir-Rabat, Is-Siġġiewi, Il-Birgu | |
| 8 | Nixtieq nara l-Palazz ta' l-Inkwiżitur u Knisja qadima tal-Kavallieri. | Il-Mosta, Mqabba, Il-Birgu | |
| 9 | Torri mibni mill-Granmastru Wignacourt. | Ir-Rabat, Ix-Xlendi, San Pawl il-Baħar | |
| 10 | Nixtieq nara l-Mużew tal-Katidral u Palazzo De Vilhena. | San Ġiljan, L-Imdina, Iż-Żurrieq | |

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

## K: Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment dwaru:

1. Ir-riformi li daħħal Napuljun kienu maħsuba biex itejbu l-qagħda tal-poplu Malti u Għawdxi kollu. Imma l-Franċiżi ma żammewx kelmithom u allura l-poplu Malti rvella. Iddiskuti dan.
2. Mill-miġja tal-Kavallieri 'l hawn, bosta Maltin marru joqogħdu mad-dawra tal-Portijiet. Kif ġara dan? Għaliex ġara? Iddiskuti xi problemi li nħolqu f'dan il-proċess.
3. L-Ordni tal-Kavallieri kienet tonfoq ħafna flus biex iżżomm flotta żgħira u biex iżomm wieħed mill-aqwa sptarijiet li kien hemm fl-Ewropa dak iż-żmien. Taħseb li l-flotta u l-isptar ta' l-Ordni kienu ta' benefiċċju għall-Kavallieri biss, għall-Maltin biss, jew għat-tnejn?

**(20 marka)**